MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 673/2010

**Ludwig Dimech f'ismu proprju u**
**ghan-nom u in rapprezentanza ta' LK Limited**

**vs**

**Adrian Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-5 ta' Lulju 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-intimat huwa licenzjat u awtorizzat sabiex jizvolgi attivita ta' 'broker' u dan skond kif jipprovdi l-artikolu 9 tal-Kap. 487 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-intimat jipprovdi s-servizz ta' intermedjarju f'isem is-socjeta SMS Insurance Agency Ltd;

3. Illi r-rikorrenti li hu midhla tal-intimat jaghmel uzu mis-servizzi tal-intimat u dan sabiex l-intimat bhala 'broker' tal-poloz ta' assikurazzjoni jipprovdi 'coverage' komplet ghan-negozju li jizvolgi r-rikorrent;

4. Illi dan is-servizz beda jigi pprovdut mill-intimat lir-rikorrent f'Settembru tas-Sena 2006 u sa minn dak iz-zmien sal-gurnata tal-lum il-polza ta' assikurazzjoni, hawn esebita, annessa u mmarkata Dok. 'A', giet mgedda u dan skond il-bzonnijiet tan-negozju tar-rikorrent;

5. Illi r-rikorrent dejjem ghamilha cara mal-intimat fir-rigward tal-'coverage' li n-negozju tieghu kien jezigi u dejjem halla f'idejn l-intimat sabiex jiggwidah fis-sens illi r-rikorrenti jindika l-bzonnijiet tieghu mil-lat ta' negozju u l-intimat jiehu hsieb illi jirranga ghal kopertura assigurattiva adegwata u dan sabiex in-negozju tar-rikorrent ikun kopert fl-ahjar mod possibbli u dan sabiex li fl-eventwalita li n-negozju tieghu u dak kollu li jinsab mill-bieb il-gewwa tan-negozju tieghu igarrab xi hsarat jew danni, in-negozju tar-rikorrent ikun kopert adekwatament;

6. Illi inoltre l-intimat huwa midhla tajjeb tax-xoghol li tizvolgi s-socjeta rikorrenti u dan ghaliex huwa personalment imur fuq il-propjeta tar-rikorrenti u ghalhekk barra minn dak li jintqal bil-fomm bejn ir-rikorrent Ludwig Dimech u l-intimat Adrian Zammit l-intimat kien jara wkoll b'ghajnejh il-bzonnijiet ta' 'coverage' li kien jezigi n-negozju li kellu jigi kopert mill-polza ta' assikurazzjoni;

7. Illi fil-proprjeta tar-rikorrent u cioe gewwa LK Limited fi Mdina Road, Zebbug (Malta) ir-rikorrent kien qieghed izomm id-dghajsa tal-ghamla Fairline Targa 33" bl-isem "Splash I" sabiex fil-jiem sussegwenti jkun jista jinnegozja l-bejgh taghha, liema bejgh kien fi stat li jigi konkluz bejnu u bejn Josef Farrugia, izda gara li fil-lejl ta' bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' April tas-sena 2010 ghal habta tat-tlieta ta' fil-ghodu id-dghajsa su riferita inghatat in-nar minn persuni li sal-gurnata tallum ghadhom mhux maghrufa, b'konsegwenza li d-dghajsa garrbet hsarat kbar tant li giet meqruda ghal kollox;

8. Illi relattivament ghal dan l-akkadut nfethet inkjesta Magisterjali liema nkjesta ghada ma gietx konkluza, kif ukoll gie nfurmat l-intimat sabiex ihejji l-'claim' li tkopri ghad-danni u t-telf tad-dghajsa liema valur hu ta' hamsa u sebghin elf ewro (€75,000);

9. Illi wara li saru s-soliti proceduri u gew imqabba mill-SMS Insurance Agency 'independent loss adjusters' sabiex ihejju r-rapport taghhom l-SMS Insurance Agency infurmat lir-rikorrent li ma kienetx sejra tilqa’ l-‘claim’ tieghu ghax irrizulta lil MSB Valletta Limited illi d-dghajsa msemmija ma kienitx koperta fil-polza vigenti relattiva;

10. Illi n-nuqqas ta' tali inkluzzjoni hija attribwibbli unikament lill-intimat illi naqas milli jespleta l-inkarigu lilu moghti b'mod korrett u komplet u illi wera ghalhekk negligenza u nuqqas ta' diligenza fl-agir professjonali tieghu fil-konfront tar-rikorrent;

11. Illi tali nuqqas da parti tal-intimat ikkawza bhala konsegwenza, danni lir-rikorrent illi safa skopert fil-polza assikurattiva relattiva tieghu b'dan illi ma jistax jirkupra l-valur tat-telf tieghu; u

12. Illi l-fatt tal-kaz huwa ta' konoxxenza diretta lir-rikorrenti;

13. IIIi l-intimat gie nterpellat inutilment biex jaghmel tajjeb ghal tali nuqqas u ghalhekk kellhom isiru l-prezenti proceduri.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-intimat bhala ntermedjarju ta' poloz ta' assikurazzjoni responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija li waslu ghal mankata kopertura fil-kaz sinistru u dan bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti relattivi fil-qadi ta' dmirijietu.

2. Tikkundanna lil intimat ihallas lir-rikorrent is-sornrna ta' hamsa u sebghin elf ewro (€75,000), jew somma verjuri liema somma tirraprezenta l-valur tad-dghajsa Fairline Targa 33" bl-isem "Splash I".

Bl-ispejjez u nteressi legali kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' interess guridiku li jistitwixxi dawn il-proceduri r-rikorrenti personalment u dan billi [a] la huwa personalment proprjetarju tad-dghajsa in kwistjoni u [b] lanqas ma huwa l-assigurat indikat fil-polza ta' assigurazzjoni li r-rikorrenti esebew u li fuqha ibbazaw il-pretensjonijiet taghhom.

2. Ghalhekk il-kawza kif proposta minn Ludwig Dimech personalment hija improponibbli fil-konfront tal-esponenti u l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti proprio.

3. Illi in kwantu l-azzjoni attrici hija proposta kontra l-esponenti mis-socjeta rikorrenti din ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li lanqas hija ma hi l-proprjetarju tad-dghajsa in kwistjoni billi din ma tappartjeniex lilha, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Din tappartjeni lil Josephine Dimech li ghandha il-karta tal-identita bin-numru 379262M, kif jirrizulta mir-registrazzjoni tad-dghajsa stess mar-Registru Marittimu Malti.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess lanqas ma huwa minnu illi l-esponenti jizvolgi attivita ta' "broker" skond ma jipprovdi l-artikolu 9 tal-Kap. 487 tal-Ligijiet ta' Malta. L-esponenti jizvolgi attivita ta' "intermedjarju marbut fl-assigurazzjoni" [tied insurance intermediary"], kif awtorizzat mill-Awtorita tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) u dan kif sejjer jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza,

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess lanqas ma huwa minnu illi "r-rikorrenti huwa midhla tal-intimat u dan sabiex bhala "broker" tal-poloz tal-assigurazzjoni jipprovdi coverage komplet ghan-negozju li jizvolgi r-rikorrenti", kif allegat fir-rikors promotur. L-esponenti jaqdi l-funzjonijiet tieghu ta' "tied insurance intermediary" u f'din il-kapacita, ghaddha il-proposal form iffirmata mid-direttur tas-socjeta rikorrenti, lis-socjeta "SMS Insurance Agency Limited", u skond ma jirrizulta mill-istess polza tal-assigurazzjoni, li hija il-bazi tal-azzjoni attrici, hames snin ilu infethet polza ta' assigurazzjoni tat-tip "Traders Combined Insurance" f'isem is-socjeta rikorrenti bhala il-persuna assigurata, (u mhux f'isem ir-rikorrenti personalment), u x-xoghol jew l-okkupazzjoni tal-assigurat (is-socjeta rikorrenti) giet hemm deskritta mill-istess assigurat (tramite id-direttur taghha) li hija dik ta' “Vulcaniser”.

6. Illi fid-deskrizzjoni li d-direttur tas-socjeta assikurata ta lill-assigurazzjoni bhala li hija il-proprjeta assigurata ma tesisti ebda dghajsa, wisq anqas dik deskritta fir-rikors promotur. Huwa ix-xoghol ta' "vulcaniser" li gie deskritt bhala li huwa assigurat kontra r-riskji imsemmija fil-polza. Certament illi ebda ghan ta' socjeta li tiddeskrivi xogholha bhala li huwa dak ta' "vulcaniser" ma jista', b'xi mod, jinkludi n-negozju ta' bejgh ta' dghajsa.

7. Illi ghaldaqstant ma jista' jirrizulta qatt li l-esponenti kien, xi mod, naqas li jinkludi l-istess dghajsa li tkun koperta bil-polza tal-assigurazzjoni imsemmija u allura li l-esponenti wera xi negligenza u jew nuqqas ta' diligenza fl-agir professjonali tieghu fil-konfront tar-rikorrenti.

8. Illi l-intimat dejjem agixxa b'mod diligenti u skrupolosament ai termini tal-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-assigurat.

9. Illi ghalhekk isegwi illi t-talbiet attrici kemm kif u minn min proposti u kemm fattwalment ma jistghu qatt jintlaqghu u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

10. Salv kontestazzjoni ulterjuri skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**
**Provi**

Ir-rikorrent xehed li l-intimat kien jiehu hsieb l-assikurazzjoni tan-negozju tieghu. Il-ftehim kien li l-intimat bhala 'broker' kellu johrog polza ta' assikurazjzoni li tkopri l-htigijiet kollha tan-negozju tieghu u l-intimat, li kien familjari mieghu u habib, kellu jkopri ghal kull eventwalita mill-bieb il-gewwa tal-post tieghu. Hu kien joqghod fuq il-kelma tal-intimat tant li hu kien izomm il-polza ta' assikurazzjoni. Fix-showroom huwa jbiegh kull tip ta' makkinarju u ngenji, inkluz id-dghajsa li kienet ghal bejgh u li fuqha saret il-kawza billi l-assikurazzjoni ma accettatx claim li ghamel fuqha meta dina nharqet. Hu garrab telf billi l-intimat kien tah x'jifhem li l-polza kienet tkopri kollox meta fil-verita' dan ma kienx minnu.

Fuq kontro-ezami r-rikorrent wiegeb li hu ma jafx jaqra u jikteb. Ighid li kien kopert ghall-affarijiet li kellu fil-bitha li kienet isservi ghax-xoghol tieghu ta' tyre service u car dealer. Cahad li l-intimat kien qallu li l-polza kienet tkopri biss dak li kien hemm fix-showroom u mhux il-bitha. Ighid li kien qal lill-intimat biex l-assikurazzjoni tkopri l-bitha wkoll, pero dak iz-zmien ma kienx hemm id-dghajsa fiha. Id-dghajsa hi registrata fuq ommu u ma kinitx tidhol fix-showroom ghax kbira. Din kienet hemm ghal bejgh. Id-dghajsa kienet ilha hemm fil-bitha tlett ijiem qabel inharqet. Hu kien gabar il-polza ta' assikurazzjoni minghand SMS Insurance u ghaddiha lill-bank billi ha l-loan.

Dwar il-valur tad-dghajsa jghid li is-Sibt qabel gara l-incident tal-hruq kien gie surveyor ghax kien biegh d-dghajsa u dan stmaha €65,000. Hu ma kienx infurma lill-intimat b'din il-valutazzjoni. Ighid li l-intimat kien jimla l-

polza ta’ assikurazzjoni fuq l-informazzjoni li hu jaghtih izda ma kienx jaqralu l-polza.

Charles Dimech, missier ir-rikorrent, xehed li jaf li ibnu, kien ihalli f’idejn l-intimat biex jiehu hsieb l-assikurazzjoni tan-negozju. Dan kien imur spiss ix-showroom ta’ ibnu, (ghalkemm fuq kontroezami ma jiftakarx li l-ahhar li rah hemmhekk lil intimat kien xi 4 snin qabel kif gie suggerit lilu.) Dwar id-dghajsa qal li dina kienet tinsab gewwa l-bitha tax-showroom u li kien instabilha l-bejgh, izda gara li lejl minnhom din inharqet u sfratta kollox. Wara sar jaf li l-insurance rrifjutat il-claim li ibnu ghamel fuqha. Skond hu l-assikurazzjoni kienet tkopri kollox mill-bieb il-gewwa tax-showroom. Ghal inqas dik kienet l-impressjoni li kien jaghtih l-intimat u ibnu dejjem fdah u halla f’idejh.

Fuq kontroezami qal li d-dghajsa hija ta’ ibnu u ma jafx jekk hijiex ta’ ommu. Qal li ibnu kien jinnegozja dghajjes ohra imma ma jiftakarx kemm.

Sammy Gatt li ghandu negozju fl-istess inhawi tar-rikorrent xehed li meta kien sema li r-rikorrent kienet inharqitlu d-dghajsa kien cempel lill-intimat, li ukoll kien qed jehodlu hsieb l-assikurazzjoni, biex jara jekk id-dghajsa u d-dinghy li kellu fix-showroom tieghu kienux koperti bl-insurance li kien hariglu. L-intimat kien wiegbu li kien kopert billi kellu assikurazzjoni proprja ghad-dghajsa u meta tellaghha d-dar kien avza lil assikurazzjoni. Hu qallu li d-dinghy li kellu fix-showroom ma kienx assikurat ghax ma kienx parti mill-polza li kellu u ghalhekk kien mar jirrangaha.

Paul Sciortino xehed li jahdem mar-rikorrent fuq barra. Lill-intimat jafu ghax kien jarah ghand ir-rikorrent ghalkemm ma jafx kemm il-darba rah hemm. Ighid li d-dghajsa l-ahhar li ra kien is-Sibt u dik il-gimgha kollha kienet hemm. Hu ma jiftakarx kemm il-dghajsa ra fil-post tar-rikorrent tul is-17-il sena li ilu impjegat mieghu. Ighid li d-dghajsa kienet tar-rikorrent. Ma jiftakarx jekk ir-rikorrent kienx jaghmel xi tip ta’ negozju iehor. Fil-yard jaghmlu xoghol ta’ punctures u ma jidhirlux li jaghmlu xi xoghol iehor.

Gaetano Farrugia xehed li jahdem mar-rikorrent u l-intimat jafu ghax gieli mar is-showroom. Jaf li hu jipprovvdi l-polza ta' assikurazzjoni tan-negozju tar-rikorrent izda ma jafx f'hiex kienet tikkonsisti l-polza. Id-dghajsa kienet tpoggiet fil-yard ghal bejgh. Jaf li kien instab il-bejgh taghha u l-persuna li kienet se tixtriha kienet gabet surveyor biex jiccekkja d-dghajsa u sabha tajba. Gara pero' li d-dghajsa nharqet.

Fuq kontro ezami wiegeb li ma jafx li r-rikorrent qabel kienx innegozja xi dghajsa ta' dak id-daqs dawn l-ahhar hames snin.  Ighid li d-dghajsa kienet tar-rikorrent.

Paul Magro xehed li l-dghajsa kien jisimha Splash 1 u kienet tghajjat lil Josephine Dimech personalment.  Din giet registrata fit-2003 u ghadha hekk registrata. L-isem qatt ma tbiddel. (ara Dok. PM1 a fol. 146).

Claudio Scerri xehed li l-intimat ghandu tlett licenzji differenti mal-MFSA. Ghandu tnejn ghall-general business (motor, travel u home mal-SMS Insurance) u wahda ghal long-term business (mal-BOV fuq life insurance mill-2007). L-intimat hu licenzjat bhala 'tied insurance intermediary' u mhux broker.

Antvin Monseignuer xehed li ma jafx kemm ir-rikorrent kien innegozja dghajjes qabel. Qal li ma jafx li r-rikorrent jiddilja fid-dghajjes imma jiddilja fil-karozzi. Hu ma nxurjalux dghajjes ghax mhux il-linja tieghu. Fis-sena u nofs li kien jaghmel l-assikurazzjoni tar-rikorrent huwa qatt ma ntalab mir-rikorrent biex johrog xi polza fuq dghajsa fuq isem Ludwig Dimech jew il-kumpannija tieghu. Ighid li meta r-rikorrent kien jinxurja huwa kien jiddistingwi jekk kienx qed jinxurja f'ismu personali jew f'isem il-kumpanija u kien jaghtih il-valur tal-oggett li ried jassikura. Hu spjega kif jahdem meta jigi biex jinxuja persuna u x'dettalji jitlob f'kull kaz.

Richard Vella xehed li huwa Direttur f'SMS Insurance Agency. L-intimat huwa Tied Insurance Intermediary jigifieri hu jintroduci l-kljenti ghandhom u l-underwriting

department jiddeciedu jekk jaccettawx ir-riskju jew le. Hi r-responsabilita tal-kljent li jghidilhom x'ghandu u x'mghandux b'utmost good faith. F'dan il-kaz ghandhom proposal form mahruga fit-2003. Ir-rikorrent kien jaf ezatt x'kien fiha l-polza billi din ghaddiha lill-Bank of Valletta. Hu kellu kopja tal-polza u ghaddiha lill-bank. Fit-2006 harget insurance cover ohra ezatt bhal dik tat-2003 ghar-raguni li l-principals cioe' l-insurers, kienu tbiddlu izda l-kondizzjonijiet baqghu l-istess. Ix-xhud ipprometta li jezebixxi l-endorsements li kien hemm mal-polza izda li mhumiex fil-process. Ighid li dawn ikunu mal-polza billi l-bank ikun irid id-dokumenti kollha. Ighid li SMS Insurance kienu accettaw claim precedenti li kellu r-rikorrent billi dina kienet within the policy conditions u l-valur ukoll kien fis-sum assured, u kienu fil-periferija tax-xoghol tar-rikorrent. Ighid li pero d-dghajsa hija kompletament differenti. Dghajsa tqum xi €60,000 u ghalhekk kompletament barra il-polza; f'dan il-kaz l-insurable interest ma kienx tal-kljent; d-dghajsa kienet f'yard miftuha u ma kinitx wahedha u ghalhekk fi kwalunkwe kaz ma kienux jinxurjawha. Ighid li kieku xi hadd ighidlu biex jinxurja dghajsa ta' €60,000 huwa kien ighidlu skuzi imma hemm il-marine hull policy ghaliha u naghmlu hekk ghax hemm a specific insurance ghal dawn l-affarijiet. Dghajsa trid kopertura kemm fuq il-bahar kif ukoll fl-art. Id-dghajsa ma kinitx tidhol fil-parametri tal-linja tal-business tar-rikorrent u ma kinitx parti mix-xoghol normali tieghu.Ighid li jekk jigi xi hadd u jghidlu biex jinxurja boat f'yard l-ewwel li jaghmel hu li jsir survey tieghu. F'dan il-kaz l-intermedjarju ma kienx jaf li kien hemm il-boat fil-yard. Kien id-dover tal-assikurat li jghidlu li ghandu boat fil-yard. Hu min irid jinxurja li jrid jinforma x'ghandu li jrid jigi kopert u l-valur tieghu.

Il-konvenut jixhed fl-affidavit tieghu illi f'Settembru 2004 l-attur infurmah li ried jitfah negozju tal-vulcaniser u xtaq jaghmel assikurazzjoni fuq il-fond f'Mdina Road Zebbug. Mar fuq il-post biex jara x'qed jigi assikurat u flimkien mal-attur imlew il-proposal form li giet esebita Dok. AZ1. hu qal li nizzel ir-risposta tal-attur ghad-domandi lil kien hemm fil-proposal form, fosthom dwar id-dettalji tal-assikurat, it-tip ta' bini, kontenut u valuri u riskji. Kien spjegalu xi tkopri l-polza u war ali l-konvenut kien sodisfatt

dan iffirma l-proposal form. Imkien ma ssemma li l-attur ried jassikura dghajsa mertu tal-proceduri. Wara li nharget il-polza mil-principal cioe SMS Insurance, hu ghaddiha lil-klijent li hallas il-premium. Kul sena kien icempel lill-assikurat biex jara jridx igedded il-polza u kien jimxi skond l-istruzzjonijiet tieghu. L-Istruzzjoni kienet tkun dejjem tigdid bla tibdil. Tul is-snin saru zewg claims u thallsu.

L-ghada tal-incident l-attur cempillu dwar il-hruq tad-dghajsa u l-konvenut qallu li ebda dghajsa ma kienet koperta bl-assikurazzjoni li kellu. Talbu jghinu avolja kien jaf li d-dghajsa ma kienitx koperta u l-konvenut qallu li ser ikellem lil principal. Intbaghat surveyor mill-assikurazzjoni pero l-assikurazzjoni infurmat lill-attur li ma kienx kopert. L-attur baqa’ jitolbu jghinu u fl-ahhar talbu jibghat kopja tal-proposal form lill-avukat tieghu u l-konvenut hekk ghamel.

Il-konvenut ma sema’ xejn qabel rceva sekwestru. Il-konvenut sostna li hu ma halla xejn barra minn dak kontenut fil-proposal form u spjegalu lill-assikurat qabel dan ghazel li jiffirmaha. Qatt ma kellu xi lment u l-addebiti li saru fil-kawza sema’ bihom l-ewwel darba fil-kawza.

l-attur qatt ma qallu li ried li jkollu dghajsa koperta bl-assikurazzjoni izda li ried ikopri dak kollu konness ma’ negozju ta’ vulcaniser. Kieku ried jassikura dghajsa kien ikollha timtela proposal form differenti. Izid lil l-attur kien jaf x’kellu kopert ghax fis-17 ta’ Settembru 2004 hu ghamel pledge tal-assikurazzjoni ma’ bank konness ma’ self li ried jaghmel. Ighid ukoll illi l-principal tieghu SMS f’dak iz-zmien lanqas kienu jkopru pleasure craft u ghalhekk zgur ma kienx ser jipproponi li jkopjri dghajsa ghall-attur.

**Kontestazzjoni tal-partijiet**

Illi r-rikorrent issottometta li huwa kien hareg a Traders Combined Insurance Policy Dok. A a fol. 8 et seq. bl-opra tal-intimat li huwa broker mal-SMS Insurance Agency Ltd. Hu kien halla f’idejn l-intimat biex jiggwidah fis-sens li huwa kien indikalu l-bzonnijiet tieghu mil-lat ta’ negozju u

l-intimat kellu jiehu hsieb li jirranga kopertura assigurativa adegwata. Isostni li l-intimat kien midhla tax-xoghol li huwa kien jizvolgi  u kien jara b'ghajnejh l-bzonnijiet ta' coverage li kellu bzonn n-negozju tieghu. Gara li fil-post LK Limited li fih jiggestixxi n-negozju  huwa kien qed izomm dghajsa Fairline Targa 33 bl-isem 'Splash' li giet distrutta f'nar li hakimha fil-lejl ta' bejn 18 u 19 ta' April 2010. In segwitu ghal dana l-incident hu ghamel claim mal-insurance izda gie nfurmat minnha li d-dghajsa ma kinitx kopert bil-polza vigenti. Jinsisti li n-nuqqas ta' tali inkluzzjoni tad-dghajsa fil-polza hija attribwibbli unikament ghall-intimat billi dan naqas milli jespleta l-inkarigu lilu moghti b'mod korrett u komplet u ghalhekk wera negligenza u nuqqas ta' diligenza fl-agir professjonali tieghu.

Minn naha l-ohra l-intimat qed jikkontendi li r-rikorrent personalment ma setghax jistitwixxi dina l-kawza billi mhuwiex l-assikurat indikat fil-polza ta' assikurazzjoni u fit-tieni lok m'ghandux insurable interest billi d-dghajsa in kwistjoni kinitx proprjeta' tieghu imma t'ommu (ara Dok. a fol. 146). L-intimat eccepixxa ukoll li huwa mhuwiex 'broker' imma a'tied insurance intermediary' licenzjat mill-MFSA (ara xhieda ta' Claudio Scerri a fol. 147). L-intimat isostni li huwa ghadda l-proposal form iffirmata mid-direttur tas-socjeta rikorrenti lil principali tieghu, SMS Insurance Agency Ltd, u fil-polza ma hemm imsemmija l-ebda proprjeta bhal dghajsa. Ix-xoghol tas-socjeta rikorrenti huwa bhala vulcaniser u ghalhekk id-dghajsa ma kinitx related to the insured's business.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Legittimazzjoni attiva**

Illi fl-ewwel lok l-intimat qed jissottometti li r-rikorrent personalment ma setghax jistitwixxi dina l-kawza billi mhuwiex l-assikurat indikat fil-polza ta' assikurazzjoni. Illi f'dan ir-rigward l-intimat ghandu ragun billi skond il-polza ta' assikurazzjoni ezibita a fol. 8  bhala Name of the Insured hemm imnizzel Mr. Ludwig Dimech obo L.K. Ltd, ghalhekk il-persuna assikurata kienet il-kumpanija u mhux

ir-rikorrent personalment. Ghalhekk meta r-rikorrentipprezenta r-rikors guramentat ukoll f'ismu personali huwa ma kellux locus standi billi ma kienx l-assikurat u ma setghax jibbenefika mill-polza ta' assikurazzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni fejn tikkoncerna l-attur fil-vesti personali tiehgu qed tigi milqugha u l-konvenut qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu.

**Insurable interest**

Kwantu ghas-sottomissjoni li l-rikorrent ma kellux an insurable interest, ghalkemm gie pruvat li d-dghajsa kienet registrata fuq isem ommu Josephine Dimech, skond ir-rikorrent id-dghajsa kienet fil-bitha biex isib il-bejgh taghha. Issa dato ma non concesso li dghajsa kellha tidher bhala proprjeta' deskritta fid-Description of the Property Insured taht il-fire and theft schedule (ara fol. 9) skond l-istess polza r-rikorrent kellu insurable interest billi d-dghajsa kienet taqa' taht property of the insured or held by him in trust or on commission for which he is responsible. Ghalhekk minn dana l-aspett il-Qorti hi tal-fehma li is-socjeta rikorrenti fic-cirkostanzi kellha insurable interest. Jekk kinitx koperta hi kwistjoni ohra li ghad trid tigi ezaminata.

**Broker - Tied insurance intermediary**

L-intimat jissottometti illi huwa mhuwiex broker kif qed jissottometti r-rikorrent imma a 'tied insurance intermediary' licenzjat mill-MFSA. Dana gie kkonfermat minn Claudio Scerri mill-MFSA.

Skond l-artikolu 2 tal-Kap. 487 tal-Ligijiet ta' Malta tied insurance intermediary jaghmel tied insurance intermediaries activities deskritti b'dan il-mod:
'tied insurance intermediaries activities', in relation to a person registered as a tied insurance intermediary, means activities listed in paragraph 4 of the Third Column of the Schedule and any person who carries on insurance

intermediaries activities, in addition to his principal professional activity, shall also be considered as a tied insurance intermediary acting under the responsibility of an authorised company for the products offered on its behalf if the insurance is complementary to the goods supplied or services rovided in relation to his principal professional activity, whether or not the person collects premiums or amounts intended for the policy holder concerned;

Business of insurance broking huwa definit b'dan il-mod:
'business of insurance broking', in relation to a registered insurance broker or an enrolled insurance broker, means the activities listed in paragraph 1 of the Third Column of the Schedule;

Illi l-principal tal-intimat, Richard Vella ghal SMS Insurance Agency Limited ikkonferma li l-intimat huwa Tied Insurance Intermediary (dan gie kkonfermat ukoll anki minn Claudio Scerri rapprezentant tal-MFSA) jigifieri li hu jintroduci l-kljenti ghandhom u l-underwriting department taghhom jiddeciedu jekk jaccettaw ir-risk jew le. Illi jirrizulta li l-assikurazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti kienu jsiru tramite is-servizzi tal-intimat u l-poloz li kien ighaddihom lil SMS kienu jigu accettati minnhom sakemm inqala dana l-kaz. Jidher li l-intimat kien qed jahdem within his licence u Richard Vella xehed li kieku saret talba mir-rikorrent biex johrog assikurazzjoni ad hoc fuq dghajsa huma kienu lesti li johorgu kopertura specifika ad hoc.

Jigi ccarat illi din il-kawza mhix isir kontra l-assikurazzjoni nfisha u anqas li l-assikurazzjoni keinet tkopri l-oggett mertu ta' din l-azzjoni cioe d-dghajsa li nharqet. It-talba attrici hi diretta personalment kontra l-intermedjarju jew l-agent tal-assikurazzjoni li skond l-attur naqas fid-dover tieghu lejn l-istess attur li meta mlielu l-proposal form ma inkludiex ir-riskji kollha li ried li jigu assikurati u dan skond it-tip ta' negozju li kien jiggestixxi l-istess attur. Din ghalhekk hi kawza ghad-danni li sofra l-attur minhabba n-nuqqas professjonali tal-konvenut fil-konfront tieghu, meta dan mela l-proposal form u dan hu l-mertu tal-azzjoni odjerna.

Il-bazi legali tal-azzjoni hi wahda soda fis-sens illi hu pacifiku kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi “in all matters relating to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone. If as a matter of convenience he (the insurance agent) fills the proposal form he is acting as agent for the proposer” **Charlesworth**, “Mercantile Law”, 1984, p913 et seq.; **Lawrence Azzopardi et vs Joseph Muscat**, App. 07/10/1997.

**Proprjeta assikurata**

L-intimat ighid li huwa mela l-proposal form tas-socjeta rikorrenti  skond id-dettalji li kien fornilu ir-rikorrent. Dan imkien ma semma specifikatament li  ried jassikura d-dghajsa in kwistjoni tant li meta ghadda l-proposal form iffirmata mir-rikorrent lil SMS Insurance Agency Ltd fil-polza imkien ma tissemma l-ebda dghajsa bhala property insured.

Gie deciz li ‘As the underwriter knows nothing and the man who comes to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make full disclosure to the underwriters without being asked all the material circumstances, because the underwriter knows nothing and the assured knows everything. This is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith’ - **Rozanes v Bowen** (1928).

Fis-sentenza **Sammut vs Middlesea** (App. Civ. 14 ta’ Mejju 2004) il-Qorti kkonfermat il-posizzjoni meta qalet:
‘Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddipendi minn grajja ta’ bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art. 1053 (1), Kodici Civili). Minhabba l-incertezza insita f’dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta’ bona fede u partikolarment da parti ta’ min ikun talab l-hrug tal-polza. Dana billi b’dak il-mod biss is-socjeta` assikuratrici tista’ issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex taghzel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi

‘premium’ adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta’ uberrima fides hija mehtiega f’kull tip ta’ polza ta’ assikurazzjoni’.

Illi r-rikorrenti ighid li meta ghamel dina l-assikurazzjoni hu halla f’idejn l-intimat billi dan kien jaf x’negozju jiggestixxi, pero hu l-obbligu tal-assigurat li jinforma lill-intermedjarju dak li jrid jassikura u mhux vice-versa.

In-negoziu tar-rikorrent hu ta’ tyre service u car dealer u skond hu mix-showroom tal-kumpannija jbigh kull tip ta’ makkinarju u ngenji, inkluz id-dghajsa li dak iz-zmien kienet fil-bitha ghal bejgh. Ir-rikorrent jishaq li apparti x-showroom huwa kien kopert ukoll ghall-affarijiet kollha li kellu fil-bitha u cahad li l-intimat kien qallu li l-polza kienet tkopri biss dak li kien hemm fix-showroom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-dghajsa in kwistjoni damet fil-yard tas-socjeta rikorrenti tlett ijiem biss, u meta saret l-insurance d-dghajsa ma kinitx fil-bitha. Kien f’dawn it-tliet ijiem, li habtu fil-weekend, li d-dghajsa inharqet.

Illi minn ezami tal-polza li kellha s-socjeta rikorrenti (ara fol. 9) jirrizulta li ma hemmx exclusion clause li tghid li all property in any Yard, Garden, Open Space, Outbuilding or any other building m’hijiex koperta ghal dak li jirrigwarda l-fire and perils schedule kif hemm fit-theft schedule (fol. 10). Ghalhekk il-kwistjoni mhix jekk il-fatt li d-dghajsa kienitx jew le fil-bitha kinietx koperta bl-assikurazzjoni ghaliex ma kienx hemm eskluzzjoni ghal danni sofferti minn hruq kemm jekk kienu jinsabu fl-istabbiliment jew fil-bahar.

L-intimat u l-assikuraturi tas-socjeta rikorrenti xehdu li l-bitha ma kinitx assikurata imma kienet biss ix-showroom u l-affarijiet ta’ gewwa fiha li kienu koperti u dan mhux korrett almenu ghal perikli koperti bl-ewwel skeda cioe nar. Pero hu relevanti dak li xhed Richard Vella minn aspett iehor ta’ din il-vertenza.

Richard Vella xehed li hu dover tal-assikurat li jghid x’irid jassikura u jekk per ezempju ghandu boat fil-yard hu jrid

ighid lill-intermedjarju dwar dana u mhux l-intermedjarju irid joqghod jistaqsi jekk ghandux boat fil-yard. Huwa min irid jinxurja li jrid jinforma x'ghandu u x'jrid li jigi kopert u f'dak il-kaz irid jaghti l-valur tal-oggett li jrid jassikura. Kif ighid l-awtur **John Birds** fil-ktieb 'Modern Insurance Law' pagna 106 'the fact that the insurers have the means of knowledge, for example, the name of the doctor of a proposer for life insurance, does not relieve the insured of his duty of disclosure'.

Richard Vella kompla xehed li anke kieku jekk jigi xi hadd ighidlu biex jinxurja boat li tkun f'yard l-ewwel li jaghmel hu li jsir survey taghha u generalment jekk boat tkun f'yard miftuha u ma tkunx wahedha huma ma jinxurjawhiex minhabba r-riskju li jkun hemm. F'dan il-kaz huwa ighid l-intimat ma kienx jaf li kien hemm il-boat fil-yard. Ghalhekk huwa inverosimili li l-assikurazzjoni kienet se tinxurja dghajsa minghajr survey, impoggija f'yard ghall-apert u minghajr valutazzjoni.

Hi l-fehma tal-Qorti li s-socjeta rikorrenti qed tippretendi li meta nharget il-polza l-bitha kienet koperta bl-assikurazzjoni b'kull ma fiha izda dana minghajr ma gie specifikat dak li kien ser ikun hemm fiha u minghajr ma indikat valuri u qed tippretendi li kull ma setghet dahhlet fil-bitha kien ser ikun kopert, ikun x'ikun il-valur u hu x'inhu l-oggett, anke jekk bhal f'dan il-kaz l-oggett kienet dghajsa tiswa €65,000 u meta l-kopertura totali tal-assikurazzjoni tal-post kollu kienet biss ta' €46,000.

Inoltre jirrizulta mill-provi li meta saret l-assikurazzjoni mill-intimat d-dghajsa lanqas kienet ghadha hemm fil-bitha kif ukoll l-intimat qatt ma gie infurmat la bid-dghajsa u lanqas bil-valur taghha. Id-dghajsa u l-valur issemmew biss mir-rikorrent meta skond hu kien mar surveyor biex jara d-dghajsa ghax kien hemm xi hadd imhajjar jixtriha. Dina l-persuna lanqas biss tressqet tixhed. Ir-rikorrent stess ukoll jikkonferma li huwa lanqas kien informa lill-intimat bid-dghajsa jew bil-valur taghha.

Richard Vella xehed li assikurazzjoni ta' dghajsa hija kwistjoni kompletament differenti minn assikurazzjonijiet

ohra. Dghajsa li tqum xi €65,000 tirrikjedi assikurazzjoni ghaliha u mhux bhala accessorju ta' negozju ta' vulcanizer. Hemm polza apposta li tissejjah marine hull policy. Dghajsa trid kopertura kemm fuq il-bahar kif ukoll fl-art kif ukoll iridu jsiru ezamijiet differenti dwar ir-riskju involut. Inoltre kif xehed l-istess intimat fiz-zmien tal-polza, is-socjeta SMS ma kienitx tassikura pleasure boats u ghalhekk lanqas seta' kieku ried jipproponi assikurazzjoni ta' dghajsa bhala parti minn assikurazzjoni aktar wiesa' lill-attur.

Fl-ahharnett ghalkemm ir-rikorrent ighid li hu ma jafx jaqra u jikteb, jirrizulta li dina ma kienitx l-ewwel darba li huwa ghamel assikurazzjoni permezz ta' brokers jew intermedjarji ohra u kif xehed Antvin Monsengieur ir-rikorrenti kien jaf jiddistingwi u x'kien ikun irid jassikura, kemm jekk fuq ismu u kemm jekk fuq isem il-kumpanija jew fuq isem ommu. Inoltre s-socjeta rikorrenti f'dan il-kaz kienet taf x'fiha l-polza billi apparti li ffirmat ghaliha u kellha kopja taghha, hija kienet ghaddiet dina l-polza lill-Bank of Valletta billi kellha loan mal-bank.

**Proprjeta relatata man-negozju tal-assikrat**

Hi l-fehma tal-Qorti illi s-socjeta attrici riedet tassikura dak kollu konness ma' negozju ta' vulcaniser li zgur ma jinkludix dghajjes mizmuma f'isem haddiehor li setghu kienu ghal bejgh. L-iktar li wiehed seta' jqabbad in-negozju tas-socjeta attrici hu ghal vetturi konnessi ma' xoghol ta' vulcaniser izda zgur mhux dghajjes li jaqghu f'natura differenti ta' negozju.

L-intimat isostni li x-xoghol tas-socjeta rikorrenti huwa ta' vulcaniser u bhala tali dghajsa ma tistax tigi konsidrata bhala related to the insured's business jew accessorju ghan-negozju li kienet qed tiggestixxi s-socjeta rikorrenti. Is-socjeta rikorrenti issemmi li l-kumpanija kellha claim precedentement li kienet tinvoli quad bikes li kien fejn ix-showroom u ntlaqtu u l-istess assikurazzjoni kienet hallset. Dwar dina l-claim Richard Vella spjega li huma kienu accettaw dik il-claim billi kienet taqa' within the policy conditions u l-valur kien entro is-somma assikurata

kif ukoll l-oggetti li fuqhom saret il-claim kienu accessori ghax-xoghol tas-socjeta rikorrenti mentri f'dan il-kaz dghajsa hija kompletament differenti u r-riskji huma differenti minn dawk ta' quad bikes. Id-dghajsa kienet tiswa xi €65,000 u ghalhekk kompletament barra is-somma assikurata tal-polza li kellha s-socjeta rikorrenti li kien ta' €46,000 tal-affarijiet kollha fl-istess stabbiliment u l-valur qatt ma gie rivedut. Id-dghajsa ma kinitx tidhol fil-parametri tal-linja tal-business tas-socjeta rikorrenti u ma kinitx parti mix-xoghol normali tieghu. Jidher li kieku stess is-socjeta rikorrenti riedet li d-dghajsa tkun assikurata f'dik il-polza li harget, din ma kinitx tigi accettata billi kien hemm bzonn li tinhareg assikurazzjoni specifika maghrufa bhala marine hull policy li tkopriha fuq l-art u fuq il-bahar ukoll.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta minn dak kollu li nghad li d-dghajsa ma kinitx koperta bl-assikurazzjoni u l-azzjoni kontra l-intimat ma tistax tirnexxi.

Ix-xhieda ta' Ludvig Dimech li hu ma jafx jaqra u jikteb u ghalhekk afda fil-konvenut mhix ta' ghajnuna ghall-istess attur. Fl-ewwel lok kif gia intqal mhux xi bniedem li ma jafx x'inhu kummerc. Anzi hu persuna li tahdem fil-kummerc u l-iskop tal-assikurazzjoni kien car li kien in-negozju gestit fiz-zmien li saret l-assikurazzjoni u bil-valuri indikati fil-proposal form li din il-Qorti ma ghandhiex dubbju kien konsapevoli taghhom l-attur qua direttur tas-socjeta attrici. Ma ssemma qatt negozju ta' dghajsa jew zamma ta' dghajsa fl-istabbiliment intiz ghal xoghol konness ma' dak ta' vulcaniser.

Il-Qorti ma ssib ebda fatt jew xiehda li tirraforza t-tezi attrici illi l-konvenut qua intermedjarju tal-assikurazzjoni naqas minn xi dover tieghu li jassikura dak li l-attur talab li jigi assikurat jew li seta facilment jigi dezunt li ried jassigura.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut in kwantu l-attur

personalment ma ghandux interess guridiku fil-vertenza mertu tal-kawza u kwindi tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu; tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut safejn kompatibbli ma' dak hawn deciz; u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------